MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) KOMPETENZA SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tat-12 ta' Dicembru, 2002

Citazzjoni Numru. 258/1998/1

George u Mikelina sive Lina konjugi Refalo.

vs

Patrick Formosa .

Il-Qorti ,

Rat ic-citazzjoni li permezz taghha l-atturi, wara li ppremetttew :

Illi fil-lejn ta’ bejn il-wiehed u tletin (31) ta’ Dicembru, 1997 u l-ewwel (1) ta’ Jannar, elf disa’ mija  u tmienja u disghin (1998) l-attur George Refalo kien qed isuq il-vettura tieghu Toyota bin-numru tar-registrazzjoni ittra CBD 732 (Ittri CBD, numri sebgha, tlieta, tnejn) matul Triq it-Tigrija, Xaghra, Ghawdex; fid-direzzjoni mix-Xaghra lejn Marsalforn ;

Illi fl-istess hin l-konvenut kien qed isuq il-karrozza tieghu tal-marka Mazda bin-numru tar-registrazzjoni FBE 215 (ittri FBE numri tnejn, wiehed, hamsa), fid-direzzjoni opposta; u dana bi speed eccessiv u esagerat, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti tieghu ;

Illi per konsegwenza ta' hekk l-konvenut baqa' diehed fil-vettura tal-atturi, u kkaguna danni ingenti fil-vettura tal-atturi ;

Illi effettivament ghall-incident fuq imsemmi jahti unikament u esklussivament il-konvenut, minhabba sewqan eccessiv u imprudenti da parti tieghu, minhabba illi huwa naqas illi jzomm 'a proper look out', u minhabba illi huwa naqas li josserva r-regolamenti tat-traffiku ;

Illi l-atturi sofrew danni per konsegwenza tal-imsemmi incident konsistenti fi hsarat ingenti fil-vettura taghhom oltre telf ta' uzu tal-istess vettura li minhabba fiha kienu kostretti jikru vettura ohra ;

Illi l-atturi jridu illi jigu kumpensati ta' dawn id-danni .

Talbu lill-konvenut jghid ghalhiex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. tiddikjara lilek konvenut unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali ;
2. tillikwida d-danni sofferti mill-atturi billi tiddikjara illi jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjonit tal-kawza ;
3. tikkundannak thallas dawn id-danni kif likwidati ;

Bl-ispejjez, inkluzi dawk tal-ittra ufficjali prezentati kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratrici tieghek .

Bl-ingunzjoni ghas-subizzjoni illi ghaliha minn issa inti ngunt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi kkonfermata bil-gurament ta' George Refalo .

Rat in-nota ta’ l-eccezzjonijiet tal-konvenut li eccepixxa :

1. illi t-talbiet attrici huma nfondati fid-dritt u fil-fatt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-atturi ;

2. illi kien l-attur George Refalo li naqas li juza l-prudenza fis-sewqan tieghu u milli jzomm *a proper look-out* u minflok ma waqaf jew saq b’kawtela razenti mal-vetturi li kien hemm ipparkjati min-naha tax-xellug tat-triq u cioe’ man-naha tal-karreggjata tieghu, huwa baqa’ jsuq bl-istess rankatura li kien gej biha u b’velocita’ eccessiva ghal dik il-lokalita’ bil-konsegwenza illi oltreggja l-karreggjata tal-konvenut u mblokkahielu tant li l-attur li kien ghaddej razenti mal-hajt ma setgha jiehu ebda azzjoni evasiva biex jevita l-habta mal-vettura tal-attur li baqa’ gej direttament ghal fuqu ;

3. illi kien l-attur George Refalo li kien qed isuq il-vettura tieghu b’velocita’ eccessiva, b’imprudenza u b’negligenza grassa tant li mhux biss ma setghax jikkontrolla l-vettura tieghu milli toltreggja l-karreggjata tal-konvenut kif facilment setgha jevita kieku kien qieghed isuq bi prudenza u b’attenzjoni aktar u aktar meta kien hemm vetturi ohra pparkjati mal-genb tat-triq n-naha tal-karreggjata tieghu, talli wkoll meta habat mal-konvenut bl-impatt habbat il-vettura tal-konvenut minn naha ta’ wara mal-koxxa tal-bieb tal-fond numru 107, triq it-Tigrija, Xaghra ;

4. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut minnu mahlufa .

Rat il-konto-talba tal-konvenut li biha, wara li ppremetta :

Illi l-attur irid jinqeda b’din ic-citazzjoni sabiex jipprezenta l-kontro-citazzjoni tieghu kontra l-attur George Refalo ;

Illi fl-istess incident awtomobilistiku in kwistjoni, il-konvenut sofra hsarat kbar fil-vettura tieghu ;

Illi l-incident in kwistjoni gara unikament tort tal-attur George Refalo minhabba sewqan eccessiv u imprudenti, b'manjiera traskurata u perikoluza, u b'nuqqas ta' tharis tar-regolamenti tat-traffiku, u dan kif ser jigi ppruvat ampjament mill-konvenut fil-kors tal-kawza ;

Illi l-konvenut irid li jigi kkumpensat tad-danni kollha li gew sofferti minnu konsegwenza ta' dan l-incident stradali .

Talab lill-atttur jghid ghaliex m'ghandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara lilek George Refalo unikament responsabbli ghall-imsemmi incident stradali ;
2. Tillikwida d-danni kollha li gew sofferti mill-konvenut billi tiddikjara li jikkonsistu f'dawk id-danni emergenti illi jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza ;
3. Tikkundannak thallas dawn id-danni kif likwidati .

Bl-ispejjez inkluzi tal-ittra ufficjali u tal-ittra ufficjali responsiva spediti kontra l-attur George Refalo u tal-ittra ufficjaliipprezentata kontestwalment kontra l-kumpannija assikuratrici li maghha l-attur George Refalo ghandu l-vettura tieghu assikurata .

Bl-ingunzjoni tal-attur George Refalo ghas-subizzjoni li ghaliha minn issa jinsab imharrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut dwar din il-kontro-talba minnu mahlufa .

Rat in-nota ta' l-eccezzjonijiet ta' l-atturi ghal din il-kontro-talba li permezz taghha eccepew illi :

1. illi d-domandi tal-konvenut huma totalment infondati fid-dritt u fil-fatt, stante illi ghall-incident de quo kien jahti unikament esklussivament l-imsemmi Patrick Formosa minhabba s-sewqan traskurat, u negligenti, minhabba n-nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku, u minhabba l-velocita' eccessiva illi biha kien qieghed isuq; u dan kollu kif jirrizulta fit-trattazzjoni tal-kawza.

2. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta’ l-atturi annessa ma’ din in-nota’ ta’ l-eccezzjonijiet taghhom, mahlufa minn George Refalo .

Rat in-noti ta’ l-osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti dwar ir-responsabilita’ ghall-incident stradali mertu tal-kawza .

Rat l-atti l-ohra kollha, inkluzi l-verbali tax-xhieda mismugha u d-dokumenti esebiti .
Ikkunsidrat :

Illi din il-kawza tirrigwarda kollizzjoni stradali li sehhet fi Triq it-Tigrija, x-Xaghra, Ghawdex, fil-lejl ta’ bejn l-ahhar ta’ Dicembru 1997 u l-1 ta’ Jannar 1998, ghall-habta tas-1.45 a.m. L-attur kien qed isuq karozza tal-marka Toyota bin-numru ta’ registrazzjoni CBD 732 mid-direzzjoni tal-Pjazza tax-Xaghra lejn Marsalforn u l-konvenut Patrick Formosa, akkumpanjat mit-tfajla tieghu Caroline Pell, kien qed isuq karozza tat-tip Mazda bin-numru tar-registrazzoni FBE 215 mid-direzzjoni opposta . Il-habta sehhet f’dik il-parti ta’ Triq it-Tigrija qrib ta’ fejn din tinqasam f’zewg toroq ohra u cioe’ fi Triq Marsalforn u Triq Gnien Xibla .

Mill-okkorrenza tas-surgent Angelo Spiteri li nvestiga l-kollizzjoni (Dok. A.S. 1 a fol. 39 tal-process) jirrizulta illi *a tempo vergine* l-attur “*stated to be driving from Xaghra in the direction towards Marsalforn along Racecourse Street on the proper side of the road and on reaching the “Y” at the beginning of Marsalforn Strret, another car coming along the same road in the opposite direction collided into his vehicle*.”

Il-konvenut “stated to be driving along Marsalforn Street towards inner Xaghra and on encountering vehicle CBD-732 along the same stretch of road, he claimed he was completely blinded by the head beam of the above-mentioned car and collided into it” .

Mill-iskizz relattiv (Dok. A a fol. 5) redatt mill-istess surgent, kif imqabbel mal-pjanta redatta mill-A.I.C. Richard Aquilina u esebita mill-attur (Dok. B a fol. 6) jirrizulta illi :

1. il-parti tat-triq fejn sehh l-incident hija vicin hafna ta' fejn it-triq tidjieq ghal 10.15 metri;
2. kien hemm zewg karozzi pparkjati fuq il-gemb tax-xellug tat-triq ghal min ikun gej mix-Xaghra ;
3. li *spot of impact* huwa zewg metru u nofs (2.5m.) 'l barra mill-hajt tax-xellug ghal min kien tiela minn Marsalforn, bhal ma kien il-konvenut filwaqt illi kien ftit aktar minn erba' metri (4m.) 'l barra mill-parti karreggjabbli tat-triq ghal min kien gej mid-direzzjoni tax-Xaghra bhal ma kien l-attur ;
4. iz-zewg vetturi hadu d-daqqa fuq il-parti tal-lemin ta' quddiem tal-bonnet;
5. iz-zewg vetturi daru bl-impatt; dik ta' l-attur spiccat bin-naha ta' wara taghha perpendikulari mal-karozzi pparkjati u fil-vojt ta' bejniethom, filwaqt illi dik tal-konvenut spiccat thokk mal-gemb tal-koxxa tal-bieb ta' barra tad-dar numru 107; infatti rrizulta li l-karozza tieghu garrbet xi hsarat anke fuq il-parti ta' wara taghha ;
6. il-karozza tal-konvenut mxiet xi ftit 'l quddiem mill-*ispot of impact*, minkejja l-impatt mal-karozza l-ohra; ghall-kuntrarju dik ta' l-attur resqet sostanzjalment lura bid-daqqa ;
7. ma rrizultaw ebda *brakemarks* .

Fid-depozizzjoni taghhom il-partijiet ftit li xejn ziedu ma dak li kienu qalu lis-surgent Spiteri, ghajr illi kull wiehed minnhom cahad li kien qed isuq b'xi velocita' partikolari .

Is-surgent Spiteri da parti tieghu irrileva illi dik il-parti tat-triq kienet xi daqsxejn ghan-nizla ghal min ikun sejjer fid-direzzjoni ta' Marsalforn . X'hin investiga l-kaz, ftit wara li sehh: "*kienet niezla hafna nida u bhal qisu cpar*" (a fol. 42) .

Minn ezami ta' dawn il-fatturi, mqabbla ma' dak li jirrizulta mill-iskizzi esebiti, nsibu illi ghalkemm l-attur jikkontendi illi

huwa zamm sew fuq il-linja tieghu tal-parti kareggjabbli tat-triq, dan ma jirrizultax mill-fatti u partikolarment mill-mizurazzjonijiet li jistghu jigu kkonstatati mill-istess skizzi . Huwa minnu illi l-attur necessarjament kellu jaqla' xi fiti 'l barra ghan-nofs tat-triq minhabba l-vetturi li kien hemm ipparkjati fuq in-naha tax-xellug tieghu, minkejja d-djuq relattiv ta' dik il-parti tat-triq . Imma kif gia nghad aktar 'l fuq, jirrizulta illi li *spot of impact* kienet zewg metri u nofs (2.5m.) biss 'l boghod mill-hajt tax-xellug tal-konvenut, mentri kienet ta' l-inqas erba' metri (4m.) 'l boghod mill-gemb tax-xellug tal-parti karreggjabbli tat-triq ghall-attur . Zgur ghalhekk illi l-attur kien oltrepassa l-linja medjana tal-parti karreggjabli tat-triq sabiex gie li nvada l-karreggjata tal-konvenut li kien gej mid-direzzjoni opposta, f'parti tat-triq fejn minhabba l-liwja, ma tantx seta' jara fit-tul x'kien gej minn quddiemu, kif wara kollox lanqas seta' l-attur innifsu .

Kif qalet tant tajjeb il-Prim'Awla fis-sentenza ccitata mill-konvenut fin-nota ta' l-osservazzjonijiet tieghu (**Terence David vs Alfred Abela**: 30.3.1966), fejn ic-cirkostanzi kienu pjuttost simili ghal dawk in ezami ,

"*Illi mill-mizurazzjonijiet rizultati fl-iskizz jidher palesament li, immedjatament malli t-truck tal-konvenut tfacca minn wara l-liwja, kien gej fuq in-naha l-hazina tat-triq u li kien issorpassa sewwa l-crown of the road… F'dan il-kaz ma jista' jigi mputat ebda addebitu lill-attur minhabba zball ta' kalkolu ghaliex, la darba hu kien fuq is-side tieghu, ma kellux ghalfejn juza diligenza fi grad akbar minn dik rikjesta ghal min ikun qieghed isuq regolarment, ghaliex la darba gie investit mit-truck tal-konvenut, kien ikun impossibbli ghall-vejikolu ta' l-attur li jibqa' ghaddej minn dik in-naha tat-triq li nfethet quddiemu, wara l-ispostament repentin fuq is-side tieghu manuvrat mill-konvenut;…..*

*Kif f'dina l-materja gie ritenut mill-Qrati Inglizi, l-principju citat minn* ***Terrell (Law of Running-Down Cases,*** *p. 184), li :- "if defendant falls below the standard of care and attention required of a reasonable prudent driver it is no defence for him to say that he made an error of judgement" [v****. Simson vs Peat*** *(1952)] . Il-Qorti hija*

*konvinta li l-konvenut meta saq bil-mod fuq deskritt fil-mument li kien gej minn wara "blind corner", mhux biss naqas li juza diligenza normali izda kien responsabbli ta' sewqan perikoluz, skond in-nozjoni guridika enuncjata mill-istess Terrell fuq l-iskorta tal-gudikati Inglizi, bil-kliem segwenti: "The test of dangerous driving is an objective one, and if danger is in fact caused to other road users, it is immaterial whether the driver was deliberately reckless, careless, momentarily inattentive, or doing his incompetent best" [v.* ***R vs Evans*** *(1963)]."*

Minn naha l-ohra jidher illi kellu ragun isostni l-attur li l-konvenut kien qed isuq b'certa velocita' xejn konsiljabbli ghal dawk l-inhawi minhabba l-konfigurazzjoni tat-toroq . Kif gia ntqal hawn fuq, jirrizulta mill-iskizzi esebiti illi kien hemm caqliq mill-*ispot of impact* taz-zewg vetturi nvoluti fil-habta . Filwaqt illi dik tal-konvenut baqghet miexja xi ftit 'l quddiem, dik tal-konvenut ma l-impatt giet imbuttata lura, minkejja illi qabel il-habta hija kienet niexja ghan-nizla . Huwa evidenti ghalhekk illi l-impatt kien ta' certa entita' u li l-parti l-kbira tal-qawwa ta' l-impatt giet mid-direzzjoni tal-karozza misjuqa mill-konvenut .

Kif insibu fit-tezi ***Liability in Road Traffic Accidents*** ta' Geoffrey Valenzia (illum imhallef) :

"It is the duty of every driver to proceed at such a speed as will not imperil the safety of others using the road . If a car is known to be in perfect condition, so that it is unlikely to fail when driven at speed, the driver's duty is not to drive outside his own human limitations . Thus, his reactions will be slower if he is tired, sleepy, dazzled or if his faculties are in any way impaired, and in cases of an emergency he will need a certain time to react" (ara wkoll Highway Code) .

Infatti nafu illi minhabba c-cirkostanzi ta' l-ewwel tas-sena l-konvenut kien ghadda s-serata fil-hwienet tax-xorb flimkien mat-tfajla tieghu. Jammetti wkoll illi kien xorob xi ftit ukoll . Inoltre kif qal ukoll lis-surgent Spiteri, u kkorroboratu t-tfajla tieghu, id-dwal tal-karozza ta' l-attur, gejja minn faccata, ghamilhom .

Ikompli jinghad fl-istess tezi illi :

"A driver should never travel at such a speed so that he cannot pull up within the distance that he can see to be clear. Visibility is reduced at night-time, at corners and over crests of hills and that your braking distance is greater downhill or when the road is wet or slippery" (ara wkoll: Appell.Civili : Mifsud v. Cortis : 20.3.1967 u Highway Code) .

Infatti nafu li dak il-hin ta' incident kien bil-lejl, kien hemm *blind corner* u l-art x'aktarx kienet tizloq bin-nida li kienet niezla . Is-sewqan xi ftit jew wisq veloci tal-konvenut, f'tali cirkostanzi gabitu f'sitwazzjoni ta' "a self-inflicted incapacity" . Ghalkemm forsi ma setghax fi kwalunkwe kaz jevita ghal kollox il-habta, gialadarba l-attur kien invadielu l-karregjata tieghu u hu ma kellux spazju fejn seta' jgenneb iktar, zgur li sewqan xi ftit aktar prudenti da parti tieghu kien jimminimizza l-impatt tad-daqqa u l-hsara ma kienitx tkun daqstant kbira li z-zewg vetturi jigu dikjarata "a total loss" .

Fil-fehma tal-Qorti ghalhekk, ghalkemm parti sostanzjali mill-htija ghal din il-kollizjoni hija imputabbli ghall-attur innifsu minhabba li rrizulta li nvada l-karreggjata tal-konvenut, l-istess konvenut ma jistghax jigi skolpit ghal kollox mill-htija u dan minhabba s-sewqan pjuttost eccessiv tieghu, li kkontribwixxa ghall-entita' tad-danni subiti .

Ghal dawn il-motivi, tiddecidi fuq il-kap tar-responsabilita' ghall-incident stradali mertu ta' din il-kawza, sew fir-rigward tac-citazzjoni u l-kontro-talba, billi tiddikjara liz-zewg kontendenti responsabbli ghall-istess incident, imma fi gradi inugwali; l-attur ghandu jerfa' zewg terzi (2/3) tar-responsabilita' filwaqt illi l-konvenut jerfa' terz' (1/3) .

Tiddiferixxi l-kawza ghall-kontinwazzjoni dwar it-talbiet l-ohra, u tirriserva li tipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------